# Beati u Qaddisin ...Frar

15 ta' Frar San Claudio de la Colombiere, religjuz



Tal-familja riedu jibghatuh f'kunvent imma huwa ma riedx jaf: " Ma tghogobni xejn li immur fil-kuvent." Imma malajr iben in-nutar rebah l-istima tal-gizwiti ta' Lione. " Ghandu prudenza li ma tistennihiex minnu ghal eta li ghandu, gudizzju sod u hniena." Wara li studja f'Lione, mar Avignone biex wara ghadda ghal Parigi.  Tlett snin wara sar sacerdot u rritorna f'Lione. Fis-sena 1675 ha l-voti solenni fis-socjeta' tal-Gizwiti u kien imexxi kommunita zghira ta' l-Ordni gewwa Paray-le Monial.  Kien inkarigat biex jaghmilha ta' konfessur tal-Visitazzjoni, monasterju tranqwill li sar kwazi polveriera minn meta waslet soru ta' 28 sena marida ikkundanata f'sodda. Margerita Marija Alacoque. Kienet mara marida iva imma ta' spirtu haj, li tghaggeb li kull min jersaq lejha bil-hegga li kellha ghal Gesu'. Kienet titkellem b'imhabba kbira fuq id-dehriet li kien ikollha, vizjonijiet li qasmu kemm lil kleru kif ukoll lil fidili. Xerrdet id-devozzjoni lejn il-qalb ta' Gesu.

Il-gizwita kien ta' ghajnuna kbira fit-tmexxija ghal hafna kattolici imbieghda mill-knisja. Fis-sena 1674 gie mibghut f'Londra bhala kappillan ta' Marija Beatrice

d'Este, il-mara ta' Gakbu II, duka ta' York u re futur, Dak iz-zmien il-knisja kattolika kienet kontra l-ligi fl-Ingilterra. Huwa kien marbut li jqaddes biss f'kappella zghira privata u jidher mill-inqas pubblikament.

Kien ubbidjenti ghal dak li gie impost fuqu izda malajr indunaw bih il-kattolici inglizi li riedu jisimghuh jippriedka. Din il-pubblicita' mhux htija tieghu kkawzatlu l-arrest ghax akkuzawh li ried jwaqqaf l-knisja ta' Ruma fir-renju. Izda minhabba li kien prottet mir-re ta' Franza gie espuls mill-Ingilterra. Irritorna f'Paray-le-Monial marid hafna. Huwa rrifjtua l-istedina ta' huh li riedu jmur joqghod mieghu ghal arja safja, minhabba biljett li kien ircieva minghand sor Margerita li kien jghid li hajtu kellha tispicca hemm. Tlett ijiem wara huwa miet u l-gizwiti difnuh fil-kapella taghhom gewwa f'Paray-le Monial. Piju IX ipproklamah beatu fis-sena 1929 u Giovanni Pawlu II ghamlu qaddis fis-sena 1992, 31 ta' Mejju.